



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, il-31 ta' Jannar 2022

Il-politiki tal-UE dwar it-tassazzjoni fuq l-enerġija ma jaqblux mal-għanijiet klimatiċi tagħha

It-tassazzjoni fuq l-enerġija tista' tappoġġa l-isforzi biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima, iżda l-livelli attwali tat-taxxa ma jirriflettux il-punt sa fejn is-sorsi differenti tal-enerġija jniġġsu. Rapport analitiku li ġie ppubblikat illum mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri jiddeskrivi kif it-taxxi fuq l-enerġija, l-ipprezzar tal-karbonju u s-sussidji fuq l-enerġija jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġettivi klimatiċi tal-UE. Għalkemm is-sussidji fuq l-enerġija rinnovabbli żdiedu kważi b'erba' darbiet matul il-perjodu 2008-2019, is-sussidji fuq il-fjuwils fossili baqgħu relattivament kostanti matul l-aħħar 10 snin, minkejja l-impenji mill-Kummissjoni Ewropea u minn xi Stati Membri biex dawn jiġu eliminati gradwalment. L-awdituri jiġbdu l-attenzjoni għall-isfidi li jiffaċċjaw dawk li jfasslu l-politika: l-iżgurar tal-konsistenza tat-tassazzjoni fuq l-enerġija fis-setturi kollha u fil-vetturi kollha tal-enerġija, it-tnaqqis tas-sussidji fuq il-fjuwils fossili, u r-rikonċiljazzjoni tal-oġettivi klimatiċi mal-ħtiġijiet soċjali.

"It-tassazzjoni fuq l-enerġija, l-ipprezzar tal-karbonju u s-sussidji fuq l-enerġija huma għodod importanti biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi. L-isfida prinċipali, fl-opinjoni tagħna, hija kif insaħħu r-rabtiet bejn il-miżuri regolatorji u dawk finanzjarji, u kif insibu t-taħlita t-tajba bejn dawn it-tnejn", qalet Viorel Ștefan, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport analitiku. *"Permezz tar-rapport analitiku tagħna, għandna l-għan li nikkontribwixxu għad-diskussjoni dwar il-prezzijiet tal-enerġija u t-tibdil fil-klima, u b'mod partikolari għad-dibattitu li jmiss dwar ir-reviżjoni proposta tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija."*

Bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, li huwa strateġija mmirata biex l-UE ssir newtrali għall-klima sal-2050, il-Kummissjoni qed tippjana li tallinja t-tassazzjoni fuq l-enerġija mal-oġettivi klimatiċi. L-Unjoni Ewropea tiffaċċja bosta sfidi biex tirrevedi l-leġiżlazzjoni dwar it-tassazzjoni fuq l-enerġija, li se tirrikjedi wkoll qbil unanimu fil-Kunsill.

Sfida waħda hija l-iżgurar tal-konsistenza fl-UE kollha u fis-setturi u fil-vetturi tal-enerġija li qabel kienu jiġu ttrattati b'mod aktar favorevoli. Skont id-Direttiva attwali dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija, sorsi ta' enerġija li jniġġsu aktar jista' jkollhom vantaġġ tat-taxxa meta mqabbla ma' sorsi ta' enerġija aktar effiċjenti fl-użu tal-karbonju: pereżempju, il-faħam huwa ntaxxat inqas mill-gass naturali, u xi fjuwils fossili huma ntaxxati sinifikattivament inqas mill-elettriku. Barra minn hekk, filwaqt li maġġoranza tal-Istati Membri jimponu taxxi għoljin fuq il-fjuwils, bosta oħrajn iżommu t-taxxi qrib il-minimu stabbilit mid-Direttiva, u dan jista' jwassal għal distorsjoni fis-suq intern. Il-prezzijiet baxxi tal-karbonju u t-taxxi baxxi fuq l-enerġija għall-fjuwils fossili jżidu l-ispiża relattiva ta' teknoloġiji aktar ekoloġiċi u jdewmu t-tranżizzjoni tal-enerġija.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport analitiku maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport analitiku sħiħ huwa disponibbli fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

L-awdituri josservaw li filwaqt li xi sussidji fuq l-enerġija jistgħu jintużaw biex issir bidla lejn ekonomija inqas intensiva fil-karbonju, is-sussidji fuq il-fjuwils fossili jfixklu milli ssir tranżizzjoni effiċjenti tal-enerġija. B'mod ġenerali, is-sussidji tal-Istati Membri għall-fjuwils fossili jammontaw għal aktar minn EUR 55 biljun kull sena, u 15-il Stat Membru jonfqu aktar għas-sussidji fuq il-fjuwils fossili milli għas-sussidji fuq l-enerġija rinnovabbli. L-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji fuq il-fjuwils fossili sal-2025, li huwa għan li għalih l-UE u l-Istati Membri tagħha taw l-impenn tagħhom, se tkun tranżizzjoni soċjali u ekonomika diffikulta. B'mod partikolari, perċezzjoni ta' trattament inġust għal xi gruppi jew setturi għandha mnejn tirriżulta f'reżistenza għat-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar ekoloġika. L-impatt li t-tassazzjoni fuq l-enerġija jkollha fuq l-unitajiet domestiċi jista' wkoll ikun sinifikanti, u jirriżulta f'reżistenza għat-taxxi fuq l-enerġija. L-ammonti li l-unitajiet domestiċi jonfqu fuq l-enerġija (inklużi kemm it-tiżnin kif ukoll it-trasport) ivarjaw b'mod konsiderevoli: f'xi każijiet, bħall-ifqar unitajiet domestiċi fiċ-Ċekja u fis-Slovakkja, dawn jistgħu jkunu aktar minn 20 % tal-introjt tagħhom. Biex jittaffa r-riskju ta' rifjut tar-riformi tat-taxxa, l-awdituri jgħiddu l-attenzjoni għar-rakkomandazzjonijiet li diġà saru minn bosta organizzazzjonijiet internazzjonali, eż. it-tnaqqis ta' taxxi oħra u l-applikazzjoni ta' miżuri ta' ridistribuzzjoni, filwaqt li tiġi żgurata trasparenza akbar u komunikazzjoni akbar dwar ir-raġunijiet għar-riformi.

F'Lulju 2021, bħala parti mill-pakkett leġiżlattiv "Lesti għall-Mira ta' 55 %", li huwa sett ta' proposti li għandhom l-għan li jqiegħdu l-UE fit-triq lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'55 % sal-2030, il-Kummissjoni ppubblikat proposta għal revizzjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija. Hija għadha tippermetti li l-Istati Membri jnaqqsu r-rati tat-taxxa fuq l-enerġija għal xi setturi, għal raġunijiet ambjentali, ta' effiċjenza fl-enerġija u ta' faqar enerġetiku. Il-pakkett jinkludi wkoll proposta biex is-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet tiġi estiża sat-trasport marittimu, u jintroduċi sistema separata għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għat-trasport bit-triq u għall-bini. Taħt is-sistema attwali, il-kwoti bla ħlas għall-iskambju ta' emissjonijiet jippermettu li xi parteċipanti fis-suq ma jħallsux għal parti mill-emissjonijiet tagħhom tas-CO₂. L-eliminazzjoni gradwali tal-kwoti bla ħlas marbuta mar-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju (jiġifieri żieda fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'riżultat ta' trasferiment tal-produzzjoni lejn pajjiż b'restrizzjonijiet inqas stretti fuq l-emissjonijiet) hija akkumpanjata mill-introduzzjoni gradwali proposta tal-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntiera. Dan il-mekkaniżmu l-ġdid għandu l-għan li jipprezza l-emissjonijiet tal-karbonju li ġejjin mill-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti. L-awdituri josservaw ukoll li, meta jkunu qed jiddibattu dawn il-proposti, dawk li jfasslu l-politika jkollhom jieħdu inkunsiderazzjoni kemm l-oġettivi klimatiċi kif ukoll l-impatt soċjali.

Informazzjoni ġenerali

Dan mhux rapport tal-awditjar, iżda huwa rapport analitiku li jinqeda bix-xogħol preċedenti tal-QEA fil-qasam tal-enerġija, it-tibdil fil-klima u t-tassazzjoni, kif ukoll b'informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku u materjal li nġabar speċifikament għal dan l-iskop.

Ir-rapport analitiku jkopri l-perjodu mill-2008 sa Lulju 2021. L-awdituri ħadu inkunsiderazzjoni *data* addizzjonali li saret disponibbli wara Lulju 2021 għall-prezz tal-permessi għall-emissjonijiet tal-UE (sat-30 ta' Novembru 2021) u għas-sussidji fuq l-enerġija (*data* minn Ottubru 2021).

Ir-Rapport Analitiku tal-QEA "*It-tassazzjoni fuq l-enerġija, l-ipprezzar tal-karbonju u s-sussidji fuq l-enerġija*" huwa disponibbli fuq is-[sit web tal-QEA](#).

Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

- Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu - M: (+352) 691 553 547
- Vincent Bourgeois: vincent.bourgeois@eca.europa.eu - M: (+352) 691 551 502